MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' April, 2010

Numru 805/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**VS**
**RYAN BRIFFA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ryan Briffa, ta’ 20 sena, iben Alfred u Maria Dolores nee’ Caruana, imwieled Pieta’ nhar is-26 ta’ Marzu, 1990 u residenti numru 31, Triq il-Kbira, Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 169990(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar it-2 ta’ April 2010 kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Antonio Mizzi LL.D. nhar il-31 ta’ Awissu 2009 u sussegwentament

ammendati mill-Qorti ta' l-Appell (Malta) preseduta mill-Imhallef Onor. David Scicluna LL.D. nhar l-4 ta' Settembru 2009 fuq depozitu ta' 1,000 euro, f'dan illi jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mid-9:00p.m. u ma johrogx minn hemm qabel is-7:30a.m. ta' l-ghada filghodu fost kundizzjonijiet ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2)(3) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Ryan Briffa u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 1,000 euro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l- istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat Ryan Briffa, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal zewg (2) xhur prigunerija u tordna konfiska ta' depozitu ta' elf euro (€1,000). In oltre', il-Qorti tordna r-re arrest ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------